SKEMA TA' BENEFIĊĊJI GĦAL AĊĊIDENTI PERSONALI FUQ IX-XOGĦOL

MINISTERU GĦALL-FINANZI

PUNTI EWLENIN TA' L-ISKEMA

Benefiċjarji
Impjegati tad-Dipartimenti u Entitajiet fis-Settur Pubbliku kif ġie kkomunikat fi skeda A tal-Iskema ta' Benefiċċji għal Aċċidenti Personali fuq ix-xogħol.

Iċ-Ċirkustanzi
Ġrieħi fil-Ġisem li jirriżultaw f'mewt jew diżabilità permanenti kkawżati minn Aċċident.

Meta u Fejn
Waqt il-hin ta' impjieg jew servizz f'Malta jew barra minn Malta waqt xogħol relatat mal-Gvern.

Impjieg
Waqt qadi ta' xogħol jew servizz fuq il-post tax-xogħol.

Benefiċċji
Erba' darbiet tas-salarju annwali fil-każ ta' mewt jew, f'każ ta' diżabilità permanenti totali, skont l-iskala ta' diżabilità u kif imkejla minn Bord Mediku, sa 100%, iżda mhux aktar minn €180,000.

Spejjeż tal-Funeral
Sa €5,000 f'każ ta' ripatrijazzjoni minn barra minn Malta.

ESTENSJONIJIET

Modifikazzjonijiet fid-Dar
Sa €5,000 biex tkun irranġata d-dar tal-impjegat imweġġa', kif approvat mill-Maniġer fuq parir tal-Bord Mediku.

Spejjeż ta' Ripatrijazzjoni
Sa €7,500 jekk ir-ripatrijazzjoni tal-impjegat imweġġa' jekk tkun meħtieġa.

Kopertura ta' wara t-terminazzjoni
90 ġurnata f'każ ta' ġrieħi fil-ġisem tal-impjegat ikkaġunati minn att kriminali.

ESKLUŻJONIJIET

Ġrieħi fil-ġisem ikkaġunati minn jew li jirriżultaw minn jew huma kontribwiti minn jew f'konnessjoni ma' numru ta' esklużjonijiet li jinstabu fl-Iskema ta' "Benefiċċji Għal Aċċidenti Personali Fuq ix-Xogħol", jipprevenu d-dritt li ssir klejm għal benefiċċju taħt l-Iskema.

Il-lista sħiħa ta' l-esklużjonijiet tal-Iskema tista' tkun aċċessata u mniżżla minn fuq is-sit għal-Ministeru għall-Finanzi https://oabs.gov.mt

KUNDIZZJONIJIET ĠENERALI

Notifika
Trid issir bil-kitba fi żmien 14-il ġurnata minn meta jsir aċċident mis-sid jew mill-impjegat imweġġa' jew mir-rappreżentant tiegħu/tagħha.

Lil: Il-Maniġer
L-Iskema ta' Benefiċċji għal Aċċident Personali fuq ix-Xogħol
Ministeru għall-Finanzi :
'Maison Demandols', Triq Nofsinhar, Il-Belt Valletta VLT 1102
Indirizz elettronikuż: themanager.oabs@gov.mt
Numru/Numri tat-telefon: 2599 8375

Informazzjoni
L-impjegat jeħtieġ jipprovdi r-rapporti u ċ-ċertifikati kollha, ir-rekords mediċi, informazzjoni jew evidenza lill-Maniġer, inkluż il-kunsens tiegħu/tagħha għall-akkwist u l-ipproċessar tal-informazzjoni minn kwalunkwe awtorità jew entità jew persuna speċifikament bl-iskop ta' immaniġġjar, assessjar u ħlas ta' klejms magħmula taħt l-Iskema, għal kxif u prevenzjoni ta' frodi, u biex jinżammu r-rekords u l-istatistiċi.

Eżami Mediku
Kif u meta mitlub mill-Maniġer, l-imjegat imweġġa' hu/hija mitlub/a li jissottometti/tissottometti għal testijiet u eżamijiet mediċi.

Protezzjoni tad-Data
L-eżerċizzju tad-dritt tal-aċċess, rettifika, tneħħija, limitazzjoni jew oġġezzjoni skont it-termini tal-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data, 2018 m'hix preġudikata.

Frodi
Il-Ministru għall-Finanzi iżomm id-dritt li jittermina t-titolu tal-benefiċċju lil kwalunkwe impjegat/a meta l-Maniġer għandu suspetti konkreti ta' frodi mill-impjegat/a, ħabi jew dikjarazzjoni falza, jew meta impjegat/a jużu/tużu mġiba abużiva u/jew theddida jew intimidazzjoni lejn l-impjegati tal-Maniġer u/jew membri tal-Bord Mediku.

Aċċettazzjoni ta' Klejm
Il-Bord tal-Iskema jiffirma d-deċiżjonijiet kollha tal-Maniġer kemm dwar l-issettiljar jew rifjut ta' klejm għal benefiċċji. Meta jsir pagament, l-impjegat/a imweġġa' jew l-eredi legali tiegħu/tagħha huwa/hija/huma meħtieġ/meħtieġa/meħtiġin jiffirma/tiffirma/jiffirmaw il-Formola ta' Aċċettazzjoni u Likwidazzjoni.

Appell
Id-deċisjoni tal-Maniġer, meta m'hix maqbula, tista' tkun riferuta lil Arbitraġġ għal deċiżjoni finali minn arbitru wieħed li jkun appuntat miċ-Chairman taċ-Ċentru tal-Arbitraġġ Malti skont il-provedimenti tal-Arbitraġġ Domestiku tal-Att dwar l-Arbitraġġ. Ir-referenza għal Arbitraġġ trid issir mhux iktar tard minn 20 ġurnata mill-komunikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Maniġer lill-impjegat jew lill-eredi legali tiegħu/tagħha.

DIN L-ISPJEGA TAL-ISKEMA TA' HAWN FUQ HI SUĠĠETTA GĦAT-TERMINI, KUNDIZZJONIJIET, ESKLUŻJONIJIET U EĊĊEŻŻJONIJIET TAL-ISKEMA TA' BENIFIĊĊJI GĦAL AĊĊIDENTI PERSONALI FUQ IX-XOGĦOL, LIEMA LISTA SĦIĦA TISTA' TKUN AĊĊESSATA U MNIŻŻLA MINN FUQ IS-SIT TAL-MINISTERU GĦALL-FINANZI https://oabs.gov.mt.

APRIL 2019

themanager.oabs@gov.mt